32006D0922

14.12.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 354/39

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-12 ta' Diċembru 2006

## li jaġġusta l-koeffiċjenti korrettivi applikabbli mill-1 ta' Frar 2006, l-1 ta' Marzu 2006, l-1 ta' April 2006, l-1 ta' Mejju 2006 u l-1 ta' Ġunju 2006 li jaffettwaw il-pagi ta' l-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Komunitajiet Ewropej issekondatai fil-pajjiżi terzi

(2006/922/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolamenti ta' l-Istaff ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u r-reġim applikabbli għall-aġenti oħra tal-Komunitajiet, iffissati bir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([1]), kif emendati l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2104/2005 ([2]), u notevolment it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13, ta' l-Anness X tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 351/2006 ([3]) kienu ffissati, b'applikazzjoni ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 13, ta' l-Anness X tar-Regolamenti ta' l-Istaff il-koeffiċjenti korrettivi li jaffettwaw il-pagi, mill-1 ta' Lulju 2004, fil-valuta tal-pajjiż fejn huma ssekondati, ta' l-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Komunitajiet Ewropej issekondati fil-pajjiżi terzi.

(2) Meħtieġ li jkunu adattati, b'konformità mat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13, ta' l-Anness X tar-Regolamenti ta' l-Istaff, mill-1 ta' Frar 2006, l-1 ta' Marzu 2006, l-1 ta' April 2006, l-1 ta' Mejju 2006 u l-1 ta' Ġunju 2006, uħud minn dawn il-koeffiċjenti korrettivi, minħabba li fl-istatistiki għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, il-varjazzjoni fl-għoli tal-ħajja, ikkalkulata skond il-koeffiċjent korrettiv u r-rata tal-kambju korrispondenti, tidher li hi, għal ċerti pajjiżi terzi, superjuri għal 5 % mill-aħħar iffissar jew adattament,

IDDEĊIDIET:

*Artikolu uniku*

B'effett mill-1 ta' Frar 2006, l-1 ta' Marzu 2006, l-1 ta' April 2006, l-1 ta' Mejju 2006, u l-1 ta' Ġunju 2006, il-koeffiċjenti korrettivi, applikabbli għall-pagi ta' l-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Komunitajiet Ewropej issekondati f'pajjiżi terzi imħallsa bil-valuta tal-pajjiż fejn huma ssekondati, huma dawk indikati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Ir-rati tal-kambju użati għall-kalkolu ta' dawn ir-rimunerazzjonijiet huma stabbiliti b'konformità mal-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tar-Regolament Finanzjarju u jikkorrispondu mad-data indikata fl-ewwel paragrafu.

Magħmul fi Brussel, 12 ta' Diċembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Benita FERRERO-WALDNER

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.
([2]) ĠU L 337, 22.12.2005, p. 7.
([3]) ĠU L 59, 1.3.2006, p. 1.

*ANNESS*

| Pajjiżi ta' ssekondar | Koeffiċjenti korrettivi<br>Frar 2006 |
|---|---|
| L-Angola | 120,0 |
| Il-Bangladexx | 46,6 |
| Bożnja u Ħerzegovina | 78,6 |
| Il-Kap Verde | 78,6 |
| Kuba | 99,3 |
| Il-Ginea | 61,2 |
| Hong Kong | 94,8 |
| Iżrael | 102,2 |
| Il-Kenja | 83,9 |
| Il-Libanu | 94,4 |
| Il-Madagaskar | 74,5 |
| In-Nikaragwa | 64,7 |
| In-Niġer | 91,5 |
| Il-Kaledonja Ġdida | 129,1 |
| L-Uganda | 62,1 |
| Il-Filippini | 61,3 |
| Ir-Russja | 118,3 |
| Is-Sirja | 62,9 |
| Il-Veneżwela | 63,4 |
| Iż-Żimbabwe | 36,2 |

| Pajjiżi ta' ssekondar | Koeffiċjenti korrettivi<br>Marzu 2006 |
|---|---|
| Botswana | 69,9 |
| Il-Kamerun | 108,0 |
| El Salvador | 87,7 |
| Il-Laos | 74,0 |
| Il-Malawi | 76,1 |
| Ir-Repubblika Domenikana | 74,6 |
| It-Tanzanija | 62,5 |
| Iż-Żimbabwe | 44,4 |

| Pajjiżi ta' ssekondar | Koeffiċjenti korrettivi April 2006 |
|---|---|
| L-Arabja Sawdita | 94,1 |
| L-Eġittu | 55,1 |
| Il-Ginea | 64,4 |
| Il-Ħaïti | 105,5 |
| Hong Kong | 101,9 |
| Mali | 93,8 |
| Iż-Żimbabwe | 48,7 |

| Pajjiżi ta' ssekondar | Koeffiċjenti korrettivi Mejju 2006 |
|---|---|
| Il-Benin | 92,1 |
| Il-Ġordan | 73,2 |
| Il-Możambik | 67,0 |
| Il-Pakistan | 53,8 |
| Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo | 131,6 |
| Iż-Żambja | 79,9 |

| Pajjiżi ta' ssekondar | Koeffiċjenti korrettivi Ġunju 2006 |
|---|---|
| L-Arġentina | 55,6 |
| Botswana | 65,6 |
| Iċ-Ċili | 78,9 |
| L-Etjopja | 85,1 |
| Iżrael | 105,5 |
| In-Nepal | 70,8 |
| L-Uganda | 56,1 |
| Il-Peru | 76,5 |
| Ir-Repubblika Ċentrali Afrikana | 123,6 |
| It-Tanzanija | 58,7 |
| It-Tajlandja | 59,6 |
| Yemen | 70,6 |